KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

TAS-SLIEMA

TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: www.sliema-malta.com

**MINUTI TAS-SEDUTA NRU. 25a (*ad hoc*)** **IS-SITT KUNSILL**

Il-hamsa u ghoxrin seduta (a) *ad hoc* tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet it-**Tlieta 7 ta` Diċembru, 2010** fis-6 ta' filgħaxija fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Depiro, Tas-Sliema.

**PREŻENTI**

Is-Sindku Johanna Gonzi, il-Viċi Sindku Cyrus Engerer u l-Kunsilliera Yves Bobby Cali, Edward Cuschieri, Julian Galea, Patrick Pace.

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Svetlana Curmi.

**SKUZATI**

Il-Kunsilliera M. Aquilina, S. Camilleri, M. Debono, N Gauci

**ASSENTI**

Il-Kunsilliera N. Dimech, N. Gauci.

**MINUTI TAS-SEDUTA NRU. 25a (ad hoc)**

Is-Sindku Johanna Gonzi ppresediet il-laqgħa.

Fuq l-agenda kien hemm ghad-diskussjoni l-attivitajiet ghal Milied.

A. Is-Sindku pproponit li t-titlu ghall-attivita organizzata mill-Kunsill Tas-Sliema bejn is-17 u d-19 ta' Dicembru ghandu jkun 'Milied Tas-Sliem' .

B. Wara li s-Sindku talbet kjarifika mid-Dipartiment ghal Gvern Lokali fir-rigward tal-kwotazzjoni ***SLC/Q/583/2010/04 - Four Marching Bands*** kien hemm qbil unanimu illi l-erba' baned tal-lokalita li tefghu il-kwotazzjoni taghhom jigu nkluzi fil-programm ta' attivitajiet skont il-prezz mitlub minnhom ta' Eur1,770 kull banda.

C. Is-Sindku infurmat lill-Kunsilliera prezenti li l-kumpanija Thomas Smith qeghda titlob il-permess tal-Kunsill biex tarma tinda fit-23 ta' Dicembru, 2010 ghal attivita ta' Thomas Smith Charity Swim li qeghda tkun organizzata flimkien mal-Kunsill.

D. Is-Sindku infurmat lill-Kunsilliera prezenti li ghall-attivita Thomas Smith Charity Swim se jitqabbdu s-Salesian Brigades a spejjez tal-Kunsill. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

E. Dwar l-attivita "Milied tas-Sliem" is-Sindku pporponiet li l-gazebos ma jinghatawx biss lill-ghaqdiet mhux governattivi Slimizi izda tigi estiza wkoll ghal organizzajonijiet volontarji barra mil-lokalita fosthom l-SPCA, il-Community Chest Fund, l-Island Sanctuary, Caritas, Paws.

**Is-seduta ntemmet fit-6.35 ta` filgħaxija.**

**Johanna Gonzi**
**Sindku**

**Svetlana R. Curmi**
**Segretarju Ezekuttiv**

Minuti approvati llum .........09............. ......... ta' ...Marzu........ 2011.
(jum) (data) (xahar)